MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2008

Numru. 876/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Francis Vella bin Anthony u Antonia nee' Grech, imwieled fid-29 ta' Awissu 1956 u residenti Casa Scicluna, Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 48156(G)**

**u**

**George Vella bin Anthony u Antonia nee' Grech, imwieled fl-1 ta' Novembru 1958 u residenti 2, Pjazza Santa Margerita, Sannat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 55858(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmija Francis Vella u George Vella li gew akkuzati talli nhar it-30.08.2007 u fix-xhur ta’ qabel go fond accessibli minn Triq il-Kapuccini, rabat, Ghawdex;

1) zammew post kummercjali u ghamlu attivita’ kummercjali li tirrigwarda ‘boat building’ meta ma kinux id-detenturi ta’ licenzja dwar dak il-fond mill-awtorita’ regolatorja;
2) aktar talli l-attivita’ kummercjali kienet ta’ sikkatura ghan-nies tal-madwar u dan bi ksur tar-regolament 13-02 u 13-03 tat-tieni skeda tal-avviz legali 1/2006;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ratr l-Artikoli ndikati cioe’ l-Artikolu tal-Kap 441 u 13-02 u 13-03 tat-tieni skeda tal-Avviz Legali 1/2006;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-ahwa Vella jiggestixxu negozju ta’ ‘boat building’;

Dana jirrizulta minn dak illi qalu huma stess lil PS 1424 gewwa l-Ghassa tal-Pulizija. Inoltre mix-xhieda Georgina Azzopardi rrizulta illi mill-fond in kwistjoni kienu qed isiru xi xoghlijiet tant illi hija kienet qed tbati minn irwejjah kontinwi u li minn Ottubru, 2007 ’il quddiem attitudni ma baqghetx tigi ezercitata minn dana l-fond u fil-fatt ir-riha waqfghet;

Ghaldaqstant l-akkuzi jirrizultaw ippruvati u tikkundannahom ammenda kull wiehed ta’ mija u erbgha u sebghin euro u sebghin centezmu (€174,70c) ekwivalenti ghal hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75) kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------